MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 385/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert Ellul talli fit-18 ta’ April 2010, waqt spezzjoni ta’ sorpriza li sehhet ghall-habta ta’ l-10.00 a.m. fuq il-Fosos tal-Furjana, hu jew persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, provda jew offra li jipprovdi lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali jew kotba fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur

Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta' l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda u l-artikoli 51, 77(o) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Robert Ellul hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Robert Ellul ipprezentat fl-24 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Dottor Joseph Brincat ghall-appellant u ta' l-Avukat Dottor Jason Grima ghall-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu illi l-imputazzjoni la tirrizulta fattwalment u lanqas legalment. Jghid li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz riedet tipprova (1) li kien Robert Ellul li pprovda, offra jew espona ghall-bejgh oggetti, u dan huwa kompletament michud mix-xhieda mressqa minnu; (2) li l-mara tieghu kienet b'xi mod qed tagixxi f'ismu fil-bejgh, izda mill-provi ma jirrizultax li kienu fuq il-post bl-intenzjoni ta' bejgh.

Mill-provi li semghet din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant ma setax jinsab hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu peress illi ma giex ippruvat li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien qieghed fuq il-Fosos sabiex ibiegh il-forom li jaghmel bil-bziezaq. Inoltre jekk martu rceviet is-somma ta' euro (€1) dan sar ad insaputa tieghu, u jidher li

rcevietha bhala donazzjoni fuq insistenza tal-persuna li talbitha dawn il-bziezaq.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u konsegwentement tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni u mill-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------